

Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd. Tajjeb għalik.
Tajjeb għall-kumpanija.

Postijiet tax-Xogħol li Jieħdu Ħsieb is-Saħħa f'Kull Età

Nippromwovu ħajja tax-xogħol sostenibbli



#EUhealthyworkplaces

www.healthy-workplaces.eu

Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa

Sejħa għan-nomini



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



Postijiet tax-xogħol li jġibu
'l quddiem is-saħħa

Nipromwovu ħajja tax-xogħol sostenibbli


Ix-xogħol huwa parti mis-soluzzjoni, mhux il-problema, għall-forza tax-xogħol Ewropea li qiegħda tixjieħ. Ix-xogħol jista' jkun ta' ġid kemm għas-saħħa fiżika kif ukoll għas-saħħa mentali. Il-promozzjoni ta' xogħol sostenibbli u anzjanità sana tista' twassal għal ħaddiema aktar b'saħħithom u aktar motivati, inqas bdil tal-persunal u assenteiżmu, u aktar produttività għan-negozju.

Din il-kampanja tqajjem il-kuxjenza dwar l-importanza tal-immaniġġjar tajjeb tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) tul il-ħajja tax-xogħol kollha u ta' tfassil tax-xogħol skont il-kapaċitajiet individwali — kemm fil-bidu tal-karriera ta' ħaddiem kif ukoll lejn tmiemha. Bl-immaniġġjar tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u billi wieħed jikkunsidra u jindirizza d-diversità li teżisti fost il-ħaddiema, wieħed jista' jikseb anzjanità sana fuq ix-xogħol u rtirar f'saħħa tajba.

Il-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2016–17 għandha l-għanijiet li ġejjin:

- li tippromwovi **x-xogħol sostenibbli** u **l-anzjanità sana** u l-importanza tal-prevenzjoni tul il-ħajja tax-xogħol kollha;
- li tgħin lil min iħaddem u lill-ħaddiema (inklużi impriżi żgħar u mikro) billi **tipprovi informazzjoni u għodod għall-immaniġġjar tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol** fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ;
- li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u **prattika tajba** f'dan il-qasam.

Aktar informazzjoni dwar din il-kampanja tista' tinstab fuq www.healthy-workplaces.eu



It-trawwim ta' prattiki ta' xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa fil-ħaddiema żgħażaġħ jippromwovi x-xogħol sostenibbli.



L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) qiegħda tilqa' l-applikazzjonijiet għat-13-il edizzjoni tal-**Premjijiet ta' Prattika Tajba f'Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS)**. Bħala parti mill-kampanja tal-2016–17, Postijiet tax-Xogħol li Jieħdu Ħsieb is-Saħħa f'Kull Età, il-kompetizzjoni għandha l-għan li tirrikonoxxi lil dawk l-organizzazzjonijiet li jagħtu kontribut eċċezzjonali u innovattiv għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ.

Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-presidenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, torganizza l-**Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa** fl-istess waqt mal-Kampanji tagħha dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa. Il-premjijiet huma komponent importanti ta' kull kampanja, u jgħinu biex jintwerew il-benefiċċji ta' saħħa u sigurtà tajbin fuq il-post tax-xogħol, waqt li jservu bħala **pjattaforma għall-qsim tal-informazzjoni dwar il-prattika tajba madwar l-Ewropa.**

Il-Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2016–17 għandhom l-għan li jenfasizzaw eżempji ewlenin ta' organizzazzjonijiet li **b'mod attiv jimmaniġġjaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-kontest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ.** L-EU-OSHA qiegħda tfittex eżempji li juru **approċċ olistiku** lejn

l-immaniġġjar tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u **perspettiva tul il-ħajja lejn il-prevenzjoni tar-riskju** sabiex ikun hemm anzjanità sana fuq il-post tax-xogħol. Il-ġurija ser tkun qed tfittex ukoll kemm **is-sostenibbiltà kif ukoll it-trasferibbiltà** tal-interventi.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mingħand min iħaddem u l-ħaddiema kollha Ewropej, kif ukoll mingħand intermedji bħal sħab soċjali, prattikanti u professjonisti tas-saħħa u s-sigurtà, u konsulenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-livell tal-post tax-xogħol.

Waqt ċerimonja f'April 2017, ir-rebbieħa ser jirċievu l-premjijiet tagħhom u ser jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' dawk kollha li jjieħdu sehem. Id-dettalji ta' dawk ippremjati u l-eżempji mfaħħra sejrjn jidhru f'pubblikazzjoni li ser titqassam madwar l-Ewropa kollha u li ser tkun promossa fuq is-sit web tal-EU-OSHA.



Il-postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa u li jkunu produttivi jindirizzaw l-isfidi ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ.




X'tipi ta' prattika tajba jistgħu jiġu sottomessi?

Kwalunkwe eżempju mill-ħajja reali ta' mmaniġġjar effettiv tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-kuntest ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ huwa ammissibbli.

L-applikazzjonijiet għandhom jiddeskrivu b'mod ċar **kif ġew implimentati l-prattiki tajba ta' mmaniġġjar tal-età** fuq il-post tax-xogħol u x'riżultati nkisbu, fosthom aspetti bħal:

- kif tiġi kkunsidrata d-diversità fl-etajiet fl-immaniġġjar tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u fl-immaniġġjar tar-riżorsi umani (eż. permezz ta' politiki ta' mmaniġġjar tal-età);
- evalwazzjoni tar-riskju sensitiva għall-etajiet u l-adattament tal-postijiet tax-xogħol skont l-evalwazzjoni;
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-interventi u/jew għodod prattiċi għall-immaniġġjar ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ;
- il-prevenzjoni tad-diżabbiltà u politiki jew miżuri ta' ritorn lura għax-xogħol;
- miżuri speċifiċi mmirati lejn ħaddiema ikbar fl-età u/jew lejn il-perikli u r-riskji speċifiċi għall-ħaddiema ikbar fl-età.



Disinn tajjeb tal-post tax-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol huma ta' benefiċċju għal kull grupp ta' età.

X'għandu juri l-eżempju li jiddaħħal għall-kompetizzjoni?

Il-ġurija tripartitika ser tkun qed tfittex evidenza ta':

- approċċ olistiku lejn is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fosthom l-aspetti kollha ta' mmaniġġjar tal-etajiet fuq il-post tax-xogħol;
- approċċ lejn il-prevenzjoni tul il-ħajja;
- titjib reali u viżibbli bil-provi fis-saħħa u s-sigurtà u fil-benesseri fuq il-post tax-xogħol;
- parteċipazzjoni effettiva u involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom;
- l-ġhotti ta' prijorità lil miżuri kollettivi għall-interventi, b'attenzjoni fuq l-individwu (il-promozzjoni tas-saħħa għandha tkun ikkombinata mal-protezzjoni tas-saħħa);
- is-sostenibbiltà tal-intervent maż-żmien;

- it-trasferibbiltà lejn postijiet oħrajn tax-xogħol (fi Stati Membri oħrajn, f'setturi differenti u f'daqsijiet differenti ta' impriżi);
- it-tempestività (l-intervent għandu jkun riċenti jew mhux imxandar ħafna).

Barra minn hekk, l-intervent għandu jissodisfa u, idealment, jisboq ir-rekwiżiti leġiżlattivi rilevanti tal-Istat Membru li fih ikun qed jiġi implimentat. Prodotti, għodod u servizzi żviluppatti għal skopijiet kummerċjali ma jiġux ikkunsidrati fil-kompetizzjoni.

Eżempji ta' prattika tajba ppremjati fis-snin preċedenti jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-EU-OSHA fuq: <https://osha.europa.eu/mt/healthy-workplaces-campaigns/awards/good-practice-awards>



L-anzjanità sana tirrigwarda lili u lilek.



Min jista' jieħu sehem?

Kull organizzazzjoni attiva fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi kandidati, fil-pajjiżi kandidati potenzjali u fl-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) tista' tissottometti applikazzjoni ta' Prattika tajba għall-kompetizzjoni, fosthom:


- impriżi individwali jew organizzazzjonijiet ta' kull daqs;
- persuni li jipprovdu taħriġ u membri tal-komunità edukattiva;
- organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, trejđunjins u organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- servizzi ta' prevenzjoni reġjonali jew lokali tas-saħħa u s-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, servizzi tal-assigurazzjoni, u organizzazzjonijiet intermedjarji oħrajn;
- sħab uffiċjali tal-kampanja.

Kif tipparteċipa

Jekk inti organizzazzjoni multinazzjonali jew pan-Ewropea u sieħeb uffiċjali tal-kampanja, tista' tibgħat l-applikazzjoni tiegħek direttament lill-EU-OSHA. Id-dettalji dwar kif tidħol għall-kompetizzjoni fil-livell Ewropew jistgħu jinkisbu minn gpa@healthy-workplaces.eu

L-applikazzjonijiet kollha l-oħrajn l-ewwel jiġu ġġudikati fil-livell nazzjonali min-netwerk tal-punti fokali tal-EU-OSHA. Imbagħad, ir-rebbieħa nazzjonali jieħdu sehem fil-kompetizzjoni pan-Ewropea, meta jintgħażlu r-rebbieħa globali.

Is-sieħeb tan-netwerk fil-pajjiż tiegħek jipprovdu id-dettalji dwar kif tista' tidħol għall-kompetizzjoni. Biex issib u tikkuntattja lill-punt fokali nazzjonali tiegħek, zur www.healthy-workplaces.eu/fops



*Segwina fuq Twitter:
#EUhealthyworkplaces*

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar f'saħħtu u aktar produttiv. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tagħmel riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà, flimkien ma' netwerking ma' organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-EU-OSHA tiegħu ħsieb ukoll il-Kampanji dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa mqasma fuq sentejn, appoġġjati mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba soċjali Ewropej, u kkoordinati fil-livell nazzjonali min-netwerk ta' punti fokali tal-Aġenzija. Il-kampanja tal-2016–17, **Postijiet tax-Xogħol li Jieħdu Ħsieb is-Saħħa f'Kull Età**, għandha l-għan li tgħin lil min iħaddem jindirizzaw l-isfidi ta' forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ u tqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' xogħol sostenibbli tul il-ħajja tax-xogħol tal-impjegati.



Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

C/Santiago de Compostela 12
48003 Bilbao, SPANJA
www.healthy-workplaces.eu